# Devozzjonijiet Marjani Maltin

## l-Ewwel Parti

Il-kult Marjan f'Malta huwa antik u mifrux sewwa mal-gżejjer tagħna. Insibu għadd ta' parroċċi ikkonsagrati lil Marija Santissima taħt bosta titli u f'kull parroċċa insibu xi kappella ddedikata lill-Madonna. Xi whud minn dawn il-kappelli tant kibret id-devozzjoni fihom li nistgħu ngħidu li nibet titlu għalihom, bħal eżempju insemmu l-bażilika tat-tlugħ fis-sema ta' Marija Santissima ġewwa l-Għammar, qrib l-Għarb Għawdex hija magħrufa minn kulħadd bħala l-Madonna ta' Pinu. Is-santwarju ta' Santa Marija bejn Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ huwa magħruf minn kulħadd bħala l-Madonna tal-Ħlas. Xi postijiet oħra għandhom devozzjoni partikolari bħal ma nsibu fil-knsija tad-Dumnikani tar-Rabat Malta lejn il-Madonna ta' l-Għar. Induru dawra u naraw xi wħud mill-aktar devozzjonijiet Marjani popolari fil-gżejjer tagħna u nagħtu xi tagħrif qasir dwarhom.

**Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa**

Dan huwa l-iktar santwarju antik f'Malta u huwa ċentru ta' pellegrinaġġi. Fih insibu x-xbieha tal-Madonna li skond it-tradizzjoni hija impittra minn San Luqa. Monsinjur Dusina fl-1575 sab is-santwarju bla rettur u hekk sabu wkoll l-Isqof Tumas Gargallo fl-1587, sakemm fl-1603 Dun Bernard Cassar sar ir-rettur. Fl-1747 dan is-santwarju tkabbar u tbierek mill-Isqof Alpheran de Bussan. Ix-xbieha tal-Madonna kienet inkkurunata fl-24 ta' Settembru 1899. Fis-santwarju insibu wirja permanenti ta' ex-voti kif ukoll wirja permanenti oħra dwar iż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta fl-1990. Fis-santwarju isiru quddies kuljum.

**Knisja tal-Madonna ta' l-Għar - ir-Rabat Malta**



Din il-knisja tinsab ma' l-ewwel kunvent li bnew id-Dumnikani meta waslu Malta fl-1450. Skond it-tradizzjoni wieħed kaċċatur li daħal jistrieħ fl-għar kellmitu l-Madonna. Din il-knisja hija ċentru ta' devozzjoni Marjana u jsiru bosta pellegrinaġġi għaliha. Il-basso riljiev li nsibu fl-għar huwa ta' l-irħam alabastrin u nħadem fis-seklu 17. Fl-1982 saret replika ta' l-irħam abjad ta' Siena sabiex tintuża għall-purċissjoni. Fl-1999 dehru xi demgħat tad-demm fuq ħaddejn ir-replika tal-Madonna ta' l-Għar. Minn din il-knisja joħorġu l-purċissjonijiet tal-Qalb ta' Ġesù, tal-Madonna ta' l-Għar u tal-Madonna tar-Rużarju. L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju hija xogħol fl-injam ta' Melchiorre Gafà u nġiebet minn Ruma fl-1681.

**Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas - Ħal Qormi**

Din il-kappella tinsab bejn Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ iżda hija filjali tal-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Ħal Qormi, kif kienet minn meta inbniet. L-ewwel kappella, li llum hija s-sagristija inbniet madwar l-1500. Fl-1560 il-Kavallier Fra Christopher le



Boulleur de Montgauldry bena kamra fejn joqgħod ir-rettur tal-kappella. Fl-1693 din il-kappella waqgħet bit-terrimot. Il-kappella preżenti kienet mibnija fl-1693 minn Lorenzo Gafà. Fiha nsibu pittura ta' San Tumas, id-Duluri, San Sidor u San Pankrazju. Il-kwadru titulari huwa ta' artist mhux magħruf li kien inġieb minn Ruma fl-1729 u kien sar restawr fuqu fis-snin disgħin minn Afred Briffa. Il-knisja għadha tintuża regolari. Fiha ssir quddiesa kull tielet Ħadd tax-xahar, u f'dil-quddiesa jiġu ppreżentati bosta trabi. F'dan is-santwarju ssir il-festa ta' Santa Marija Ħadd fuq il-15 ta' Awissu.

**Santwarju tal-Madonna ta' Pinu - Għarb Għawdex**



Il-post fejn illum insibu s-santwarju kien hemm kappella minn qabel l-1545. Din il-kappella kienet ser tiġġarraf kemm il-darba imma dejjem kien hemm minn ħa ħsiebha. Fit-22 ta' Ġunju 1883, il-Madonna kellmet minn din il-kappella lil Karmni Grima. Wara dan il-każ, il-kappella saret ċentru t' devozzjoni Marjana. Fl-1920 beda l-bini tas-santwarju li nsibu llum. Fit-13 ta' Diċembru 1931 il-knisja ġiet ikkonsagrata. Il-kwadru tal-Madonna xogħol ta' Amadeo Perugino kien inkurunat mill-Kardinal Lepicier fl-20 ta' Ġunju 1935. Waħda mill-ikbar jiem għal dan is-santwarju jibqa s-26 ta' Mejju 1990 meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II qaddes quddiem dan is-santwarju u poġġa stillarju tad-deheb ma' ras il-Madonna.

**Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba - Birkirkara**

Din il-knisja nbniet fl-1640 flok oħra qabilha. Għal xi żmien kienet tissejjaħ "Tal-Ħarba", iżda l-isem "Tal-Ħarba" aktarx ingħata minħabba l-art imħarbta li fuqha inbniet. Id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu żdied wara li raġel mifluġ fieq wara li daħal jitlob fil-knisja. Il-kwadru tal-Madonna kien inkurunat fl-1910. Fl-1923 il-knisja kienet imkabbra. Fil-knisjai nsibu bosta teżori anke ta' żmien il-kavallieri kif ukoll għadd ta' kwadri ex-voto. Is-saqaf tal-knisja kien impitter mill-pittur Karkariż Joseph Briffa. Insibu wkoll l-istatwi ta' San Speditu, Santa Vitorja, San Ġużepp, San Alwiġi u l-Qalb ta' Ġesù. Għadha tintuża regolari u hija ċentru ta' devozzjoni Marjana.

**Knisja tal-Madonna tas-Silġ - Marsaxlokk**

L-ewwel knisja li nafu biha f'dan il-post kienet inbniet fl-1650. Il-knisja li nsibu llum inbniet fl-1833. Mitt sena wara jiġifieri fl-1933 kemm il-knisja kif ukoll il-bini li hemm magħha għadda f'idejn il-Patrjiet Tereżjani kif għadu sa llum. Fil-Knisja nsibu l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li nġiebet minn Ġenova l-Italja fl-1936. Ta' min jgħid li din l-istatwa nġiebet Malta għall-knsija ta' Santa Tereża ta' Bormla. Wara snin din l-istatwa tpoġġiet fil-knisja tas-Silġ. F'din il-knisja jsir quddies kuljum u jsiru ħafna rtiri fid-dar li tmiss magħha.



**Knisja tal-Madonna tad-Dawl - Ħaż-Żebbuġ**
Din il-knisja nbniet bjen l-1738 u l-1740 minflok knisja qadima ddedikata liż-Żjara tal-Madonna lill-Santa Elizabetta li kienet magħluqa mill-Isqof Balaguer fl-1657. Din il-knisja nbniet minn Dun Ġlormu Azzopardi u Dun Horace Xiberras u kienet ġuspatronat. Il-pjanta tal-knisja tal-lum hija ta' Lorenzo Gafà. Fil-knisja insibu artal wieħed. Fit-2 ta' Mejju, 1941 intlaqtet minn bomba ta' l-għadu u saritilha xi ħsara żgħira. Illum f'din il-knisja jsir quddies fil-Ħdud u l-festi. Fiha dak kollu li titlob il-liturġija tal-lum, u miżmuma tajjeb ħafna. Kull sena ssir il-festa tal-Madonna tad-Dawl fix-xahar ta' Novembru.

**Knisja tal-Madonna tal-Providenza - is-Siġġiewi**
Din il-knisja tinsab fejn qabel kien jinsab ir-raħal ta' Ħal Kbir, liema raħal kellu l-knisja ddedikata lill-Ħarba lejn l-Eġittu. L-Isqof Alferan de Bussan ordna li din il-knisja tingħalaq imma infetħet mill-ġdid fl-1747. Inbniet mill-ġdid fl-1750 u tbierket fl-1753. Wara li ġratilha l-ħsara b'terrimot u bil-maltemp, inbnielha l-portiku biex isaħħaħ il-bini fl-1815. Fiha nsibu l-kwadru tal-Madonna tal-Providenza kif ukoll dawk ta' San Mikiel u ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju ta' Enrico Arnaux. Il-kwadru titulari juri l-Madonna tbierek il-kampanja u hwa xogħol ta' Velasquez. Fuq il-qanpiena li nsibu fil-kampnar tidher l-arma tal-Gran Mastru Emanuel Pinto De Fonseca. Fiha ssir il-festa fil-15 ta' Awissu.

**Knisja tal-Madonna ta' l-Isperanza - Mosta**
Il-knisja nbniet fl-1761. Taħt din il-knisja jinsab għar fuq wied il-għasel li skond it-tradizzjoni xebba minn Burmarrad stkennet fih sabiex ma taqax f'idejn il-furbani. Il-Pittura tal-Madonna ta' l-Isperanza huwa xogħol ta' Rokku Buhagiar. Fil-knisja nsibu wkoll pittura ta' l-erba' Evanġelisti. Fis-sagristija insibu pittura tal-Madonna ta' l-Isperanza ta' Giuseppe Calì. Fl-1923 inksiet l-art bl-irħam. Fl-1966 sar artal ġdid ta' l-irħam. Insibu statwi ta' Santa Rita, ta' San Franġisku Saverju u tal-Madonna ta' Lourdes. Fiha ssir quddiesa kuljum. L-għar ta' taħt il-knisja huwa miżmum tajjeb ħafna.

**Santwarju tal-Madonna tat-Triq - Naxxar**
Fl-1945 il-Ġiżwiti ġew mogħtija dar mill-Markiż Scicluna sabiex tintuża minn Novizzi. Bejn l-1950 u l-1954, inbena madwar id-dar bini ġdid li kabbar lid-dar. Fid-dar insibu l-kappella ddedikata lill-Madonna tat-Triq, li għandha devozzjoni qawwija. Fil-kappella jsir quddies kuljum.

Dawn huma 10 kappelli, mill-ħafna li nsibu mifruxa fil-gżejjer tagħna, fejn id-devozzjoni Marjana hija kbira u magħrufa. Dawn huma xhieda ta' l-imħabba li mill-qedem il-Maltin kellhom lejn Sidtna Marija, li għażlu jżejnuha b'titli diversi li llum saru Devozzjonijiet Marjani Maltin.

**Reno Muscat**